

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' sessjoni

25.3.2009

B6-0166/2009

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara l-mistoqsija li titlob tweġiba orali B6-0226/2009

skont l-Artikolu 108(5) tar-Regoli ta' Proċedura, minn

- Doris Pack, f'isem il-Grupp PPE-DE
- Christa Prets, f'isem il-Grupp PSE
- Hannu Takkula u Grażyna Staniszewska, f'isem il-Grupp ALDE

dwar l-irwol tal-kultura fl-iżvilupp tar-reġjuni Ewropej

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-irwol tal-kultura fl-iżvilupp tar-reġjuni Ewropej

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-UNESCO dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali,
 - wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-24 ta' Mejju 2007 dwar il-kontribut tas-settur kulturali u dak kreattiv għat-temma tal-oġġettivi ta' Liżbona,
 - wara li kkunsidra l-azzjoni fil-qasam tal-kultura, fil-kuntest tal-programm Kultura 2007 (2007-2013),
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' April 2008 dwar aġenda Ewropea tal-kultura fl-era tal-globalizzazzjoni¹,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' April 2008 dwar l-industrija kulturali fl-Ewropa²,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 108(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi r-"ruħ" kulturali tal-Ewropa qed issir dejjem aktar importanti bħala mezz biex l-Ewropej jersqu lejn xulxin,
 - B. billi l-kulturi tal-Ewropa huma fatturi strateġiċi fl-iżvilupp tal-Ewropa fuq il-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali, kif ukoll fil-livell tal-istituzzjonijiet ċentrali Ewropej,
 - C. billi l-bliet u reġjuni qegħdin isiru atturi Ewropej hekk kif jagħmlu tagħhom l-idea tal-Ewropa u jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-Unjoni Ewropea,
 - D. billi proġetti kulturali msejsa fuq inizzjattivi tas-soċjetà ċivili jidhru li huma effettivi fit-tiżni u l-iżvilupp tar-reġjuni,
 - E. billi l-konferenzi reġjonali huma mod eċċellenti li permezz tiegħu gruppi ta' inizzjattiva ċivika jistgħu jressqu proġetti u proposti, jaqsmu l-aħjar Prattiki u jmexxu djalogu bejn il-partijiet responsabbli,
1. Jitlob lill-Kummissjoni biex tippreżenta l-Green Paper b'għażla ta' miżuri possibbli għall-attivitajiet kulturali kontemporanji mmirati biex isaħħu l-iżvilupp fir-reġjuni Ewropej;

¹ Testi adottati, P6_TA(2008)0124

² Testi adottati, P6_TA(2008)0123.

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex tappoġġa l-konferenzi reġjonali, flimkien mal-awtoritajiet reġjonali u s-soċjetà ċivili lokali;
3. Jitlob azzjoni u kampanji ta' informazzjoni dwar l-irwol tal-proġetti kulturali għall-iżvilupp reġjonali;
4. Jitlob lill-partijiet ikkonċernati sabiex jaħdmu għall-implimentazzjoni bil-ħeffa u effiċjenti ta' proġetti bħal dawn;
5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kummissjoni u lill-Kumitat tar-Regġuni.